



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6905/21

FIN 177
COVID-19 76

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sa Cláudia JOAQUIM, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-approprazzjonijiet Nru DEC 02/2021 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2021

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument DEC 02/2021.

Mehmuż: DEC 02/2021



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

BRUSSELL, 10/03/2021

BAĠIT ĠENERALI - 2021

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 14, 30

TRANSFERIMENT TA' APPROPRJAZZJONIJIET Nru **DEC 02/2021**

MINN

KAPITOLU - 3004 Mekkaniżmi ta' solidarjetà (Strumenti speċjali)

Artikolu — 30 04 01 Solidarjetà u riżerva ta' għajnuna f'emerġenza (SEAR)	Impenji	-100 000 000,00
	Pagamenti	-100 000 000,00

GħAL

KAPITOLU - 1403 Għajnuna umanitarja

ARTIKOLU - 14 03 01 Għajnuna umanitarja	Impenji	100 000 000,00
	Pagamenti	100 000 000,00

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

30 04 01 - Solidarjetà u riżerva ta' għajnuna f'emerġenza (SEAR)

b) Ċifri fl-04/03/2021

	Impenji	Pagamenti
1 Appoprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	1 223 450 000,00	1 223 450 000,00
2 Trasferimenti	0,00	0,00
3 Total tal-appoprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	1 223 450 000,00	1 223 450 000,00
4 Appoprjazzjonijiet digħi użati	0,00	0,00
5 Appoprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	1 223 450 000,00	1 223 450 000,00
6 Tnaqqis propost	100 000 000,00	100 000 000,00
7 Total tal-appoprjazzjonijiet sa tniem is-sena (5-6)	1 123 450 000,00	1 123 450 000,00
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-appoprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	8,17 %	8,17 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-appoprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Appoprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00	0,00
2 Appoprjazzjonijiet disponibbli fl-04/03/2021	0,00	0,00
3 Rata ta' implementazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati qħat-tnaqqis

Skont I-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna f'Emerġenza (SEAR) hija maħsuba biex tippermetti

- (a) assistenza bħala respons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri kbar li huma koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 (6); kif ukoll
- (b) responsi rapidi fi ħtiġijiet ta' emerġenza speċifiċi fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti meta ġie stabbilit il-baġit, b'mod partikolari għal responsi ta' emerġenza u operazzjonijiet ta' appoġġ wara diżastri naturali mhux koperti mill-punt (a), diżastri kkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji f'każijiet ta' saħħha pubblika fuq skala kbira, theddid veterinarju jew fitosanitarju, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni li jirriżultaw minn flussi migratorji, fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

14 03 01 - Għajnuna umanitarja

b) Ċifri fl-04/03/2021

	Impenji	Pagamenti
1 Appoprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	1 416 512 450,00	1 820 000 000,00
2 Trasferimenti	0,00	0,00
3 Total tal-appoprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	1 416 512 450,00	1 820 000 000,00
4 Appoprjazzjonijiet diġà użati	1 056 050 000,00	300 515 515,62
5 Appoprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	360 462 450,00	1 519 484 484,38
6 Żieda mitluba	100 000 000,00	100 000 000,00
7 Total tal-appoprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	460 462 450,00	1 619 484 484,38
8 Żieda bħala perċentwal tal-appoprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	7,06 %	5,49 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-appoprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Appoprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	154 184,80	7 514,62
2 Appoprjazzjonijiet disponibbli fl-04/03/2021	144 184,80	0,00
3 Rata ta' implementazzjoni [(1-2)/1]	6,49 %	100,00 %

d) Raġunijiet dettaljati qħaż-żieda

Il-pandemija li għaddejja aggravat is-sitwazzjoni umanitarja drammatika f'ħafna pajjiżi Afrikani, diġà milquta minn kunflitti, diż-zastru kkawżati mill-klima, u sfidi sistemiċi. Din is-sitwazzjoni taffettwa l-aktar lil dawk l-aktar vulnerabbi, u l-impatt tal-pandemija f'termini ta' faqar estrem, ikel u nutrizzjoni, sigurtà, saħħha materna u tat-tfal u l-edukazzjoni żied bil-kbir il-ħtiġijiet umanitarji. Il-pandemija mhijiex taħt kontroll, il-kampanji ta' immunizzazzjoni mhumiex iffinanzjati bieżżejjed u juru limitazzjonijiet f'termini ta' aċċess. Sadanittant, l-attivitàet umanitarji ġew adattati biex jieħdu kont tal-miżuri ta' prevenzjoni, iżda ħtiġijiet umanitarji sinifikanti jibqgħu mhux indirizzati, minħabba nuqqas ta' finanzjament jew nuqqas ta' kapaċità teknika. Dan huwa l-każ għall-ħtiġijiet fis-setturi tas-saħħha iżda wkoll tal-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH), il-kenn, in-nutrizzjoni, il-protezzjoni u l-għajxien kif ukoll għat-tħejjija u s-sorveljanza epidemjoloġika.

EUR 100 miljun f'appoprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huma meħtieġa biex jappoġġaw iċ-Ċentru Afrikan għall-Kontroll tal-Mard (ACFDC) u l-Pajjiżi Afrikani fl-implementazzjoni tat-tilqim tal-Covid-19, b'mod partikolari dawk affettwati minn kriżijiet umanitarji jew li jirċievu vaċċini taħt ir-Riżerva Umanitarja tal-COVAX. L-appoġġ se jindirizza l-is-fidi ewlenin relatati mal-kampanja tat-tilqim (mill-identifikazzjoni tal-gruppi tal-popolazzjoni sal-loġistika) u se jibni reżiljenza biex jiġu indirizzati kriżijiet tas-saħħha u pandemiji futuri.

Barra minn hekk, finanzjament addizzjonali se jappoġġa operazzjonijiet umanitarji mmirati għat-tħejjija, l-iffaċilitar u t-twettiq ta' kampanji ta' tilqim fil-pajjiż (bħall-komunikazzjoni tar-riskju u l-involviment tal-komunità, is-sensibilizzazzjoni, is-sistemi ta' riferiment, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' benefiċjarji futuri tat-tilqim, il-forniment ta' materjal anċillari u servizzi komplementari lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbi, it-tagħmir tal-faċilitajiet lokali).

Jista' jkun meħtieġ li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi bażiċi, sabiex tingħeleg in-nuqqas ta' rieda potenzjali tal-komunitajiet li jitlaqqmu. Dan jista' jimplika l-introduzzjoni ta' miżuri ta' incenliv (bħall-għotxi ta' servizzi u assistenza oħra bħall-ikel u l-aċċess għall-iġjene u l-ilma sikur) u r-reazzjoni għall-Covid-19 tigħi akkoppjata ma' epidemiji oħra (il-ħosba, l-Ebola, il-malarja), li qed joqту miljuni ta' nies.

Il-Kummissjoni ma setgħetx t-identifika riżorsi disponibbli fl-Intestatura 6. Għalhekk, hija titlob il-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna f'Emerġenza għal total ta' **EUR 100 miljun** f'approrjazzjonijiet ta' impenn u f'approrjazzjonijiet ta' pagament biex tappoġġa l-introduzzjoni tat-tilqim Covid-19 fl-Afrika.

ANNEX

COMMISSION TRANSFER PROPOSALS RELATED TO THE SOLIDARITY AND EMERGENCY AID RESERVE IN 2021

The table below shows the transfer proposals transmitted to the Budgetary Authority to date during 2021, which relate to the Solidarity and Emergency Aid Reserve (SEAR), and the remaining amount under the SEAR reserve following the approval of these proposals.

Transfer Ref	Content	Commitment Appropriations carried-over Reserve (EUR)	Commitment Appropriations 2021 Reserve (EUR)	Payment Appropriations 2021 Reserve (EUR)
	Initial appropriations	0	1 223 450 000	1 223 450 000
DEC 02	Mobilisation of the SEAR to support the roll out of Covid-19 vaccination in Africa	-	100 000 000	100 000 000
	Total transfer proposals	0	100 000 000	100 000 000
	Remainder	0	1 123 450 000	1 123 450 000
	Total remainder of commitment appropriations	1 123 450 000		